8 ta' Marzu, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Antonio Falzon ne. *versus* Avv. Dr. Edgar Buhagiar et ne. (*)**

**Nullità — Annullabilità — Citazzjoni — Sentenza.**

*Hija notorja d-distinzjoni bejn nullità assoluta u nullità relativa.*

*Fl-ewwel każ il-Qorti tintervjeni biss biex tikkonstata li l-att huwa assolutament null, u għalhekk ineżistenti mill-bidu tiegħu; fit-tieni każ tintervjeni biex tara jekk dak l-att, li ġuridikament jeżisti, hux vizzjat, u f'każ affermativ tannullah.*

*Fl-ewwel każ ma hemmx bżonn ta' azzjoni appożita, u l-Qorti tista' teżamina l-kuntratt anki per mezz ta' eċċezzjoni; fit-tieni każ tkun meħtieġa azzjoni appożita biex l-att jiġi annullat.*

*Meta l-attur jaġixxi taħt il-preżunzjoni li l-att minnu kompjut huwa null assolutament, biex iħassar dak li sar per mezz ta' dak l-att, u l-parti avversarja teċċepixxi l-eżistenza ta' dak l-att, il-Qorti ma għandhiex issib ostakolu fl-eżistenza ta' dak l-att, u tista' tieħu konjizzjoni tat-talba mingħajr ma hu meħtieġ li dik it-talba tiġi preċeduta minn talba għall-annullament ta' dak l-att; u għalhekk l-att taċ-ċitazzjoni li ma jkunx fih t-talba għal dak l-annullament ma hux irritwali.*

*Il-konstatazzjoni jew dikjarazzjoni li l-Qorti tagħmel fis-sentenza tis-*

*ta' ma tkunx tifforma parti mid-dispożitiv tas-sentenza, imma tkun f'parti oħra tas-sentenza, meta l-Qorti tkun esprimiet ruħha b'mod li jfisser espressament li l-Qorti għamlet dik il-konstatazzjoni jew dikjarazzjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur nomine quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, fejn talab li l-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija jiġu kundannati jirrestitwixxu u jħallsu lill-instant nomine l-ammont ta' £500, proprjetà ta' l-imsemmi Giuseppe Sacco, u li l-Każin qiegħed iżomm indebitament. Bl-interessi legali minn Jannar 1945, data meta dawn il-flus ġew mitluba mill-interdett; u bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha qalu illi d-domanda hija infondata għaliex is-somma li qiegħed jitlob l-attur tappartjeni lill-Każin;

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' ulterjuri eċċezzjonijiet tal-konvenuti, fejn irrilevaw illi l-attur innissu talab in-nullità tal-pagament qabel ma jitlob ir-restituzzjoni tas-somma li ġiet konsenjata lill-Każin;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-Maestà Tiegħu fit-13 ta' Ġunju 1947, fejn ġie deċiż għat-tenur tat-talbiet mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż; u bid-dritt tar-reġistru nofs għal kull parti; wara li kkunsidrat u rrikapitulat il-fattijiet kif ġraw;

Illi kien Sacco li ried jagħti, u effettivament ikkonsenja lill-konvenuti għan-nom tal-Każin is-somma ta' £500; illi l-profitti li Sacco kien jaqsam mal-Każin ma kienux baxxi xejn meta jkun kunsidrat li qabel il-gwerra kien jirrendi tant ftit li lanqas kien hemm offerti għalih; fis-sena 1941 ma nqasmux il-profitti, fis-sena 1942 is-sehem tal-Każin kien ta' £175........ meħuda konsiderazzjoni tal-fatt illi Sacco kien persuna onestissima, u allura presumibilment kien anki jaqsam sewwa; illi l-osservazzjoni ta' Sacco f'dak iż-żmien illi l-bar jista' jagħlaq

(*) B'sentenza tad-29 ta' Novembru 1949 dina l-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti għar-ritrattazzjoni ta' din is-sentenza.

jekk ma jixtrux bil-black market għandha tiftihem fissens..............; illi veru huwa illi meta Sacco ried jagħtihom dawk il-flus huwa fakkarhom f'dawk id-diskorsi li kien jgħidilhom peress li huma allura ma kienux jemmnu li hu seta' kellu f'idejh dawk il-flus, iżda dana ġara granet qabel ma ssubixxa attakk ta' psikosi depressiva, u din il-marda hija preċeduta minn fażi depressiva pjuttost twila, fa' erba' jew ħames ġimgħat, u anki ta' xhur u kultant ta' snin; illi Sacco kien igħid dak id-diskors xhur qabel, meta l-marda kienet forsi ġà fuqu........... u ntant dak iż-żmien telaq id-direzzjoni ta' dak ixxogħol u ried jitlaq anki l-bar; illi veru huwa li l-għada tal-konsenja tal-flus Sacco kien qal lil Paolo Attard u lil Antonio Grech "sehemkom tajtulkom, fluskom tajthomlkom"........, *però Sacco qal dan id-diskors granet qabel ma gie rikoverat fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ*...........; illi għalhekk, mill-kumpless tal-provi rriżulta li Sacco ma kienx f'sensih meta ta lill-Każin is-somma ta' flus in kwistjoni, u għalhekk dik is-somma għandha tiġi kunsidrata li ma ġietx mogħtija lill-Każin, u dan qiegħed iżommha indebitament;

Illi lanqas jista' jingħad, kif il-konvenuti jippretendu, illi l-attur imissu talab l-annullament tal-ħlas ta' l-imsemmja £500, għaliex ħlas huwa soluzzjoni ta' obligazzjoni li l-konvenuti ma jippruvawx li Sacco kellu di fronti għall-Każin; anzi qiegħed jiġi ritenut illi l-att ta' Sacco kien att ta' miġnun, u għalhekk qisu qatt ma sar;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni tagħhom, fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn l-attur ġie kundannat iħallas parti mill-ispejjeż, u revokata fil-kumplament; billi jiġi deċiż għall-liberazzjoni tal-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, u in subordine għall-liberazzjoni mit-talba; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi hija notorja d-distinzjoni ta' nullità assoluta u dik relativa. Fl-ewwel każ, meta l-persuna tkun naturalment assolutament inkapaċi, bħal meta jkun miġnun, allura l-att ikun null

assolutament, għaliex preċiżament ikun nieqes minn element importantissimu tiegħu, li jkun hemm persuna inkapaċi li tagħti l-kunsens tagħha; u fil-każ li jkollna mgħnun quddiemna, dak ma jkun ta' l-ebda kunsens, preċiżament għaliex l-att tiegħu jkun ta' persuna assolutament inkapaċi. Għalhekk dawn il-każijiet ikunu differenti mill-każijiet ta' inkapaċità legali, meta l-att, jekk ikun difettuż, jista' jiġi annullat mill-Awtorità Ġudizzjarja, għaikemm dak l-att ikun qiegħed jeżisti. Fl-ewwel każijiet l-Awtorità Ġudizzjarja tintervjeni biss biex tikkonstata li l-att huwa assolutament null, u għalhekk ineżistenti mill-bidu tiegħu; mentri fit-tieni każ l-Awtorità Ġudizzjarja tintervjeni biex teżamina jekk dak l-att li ġuridikament ikun ineżistenti, ikunx vizjat b'xi vizzju li l-liġi tipprevedi, u allura tannulla dak l-att (ara f'dan is-sens il-Giorgi, Delle Obblgazioni, Vol. III, no. 3 e seg.). Ġie anki kostantement ritenut mill-Qrati lokali illi meta hemm nullità assoluta, nullità "di pieno diritto", ineżistenza ta' kuntratt, allura ma hemmx bżonn li ssir azzjoni appożita, għaliex il-Qorti tkun tista' tidħol biex teżamina dik il-kwistjoni ta' nullità anki per mezz ta' eċċezzjoni, u għalhekk, jekk l-attur ikun qiegħed jaġixxi in bażi għal xi att illi in forza ta' l-eċċezzjoni tiġi sollevata n-nullità tiegħu, jekk hija nullità tal-kwalità fuq enumerata, il-Qorti in forza ta' l-eċċezzjoni tkun tista' teżamina dik l-eċċezzjoni u tikkonstata n-nullità. F'dan il-każ għandha l-pożizzjoni inversa; kien ikun ċertament iżjed regolari għall-attur kieku huwa stess ġieb 'il quddiem dak l-att li sar, il-konsenja tal-flus da parti ta' Giuseppe Sacco lill-Każin, u jitlob id-dikjarazzjoni illi dik il-konsenja għandha tiġi kunsidrata bħala nulla; iżda peress illi l-attur ippreżuma illi dik il-konsenja ġuridikament kienet ineżistenti bħala ħlas, għaliex jippretendi illi l-att kien ta' persuna assolutament inkapaċi, għalhekk talab ir-restituzzjoni ta' dawk il-flus li qegħdin għand il-Każin mingħajr titolu. Dan ġieb 'il quddiem dak l-att li sar minn għand Giuseppe Sacco stess, u allura l-attur issottometta illi dak l-att huwa ineżistenti bħala att ġuridiku minħabba l-inkapaċità naturali, u mhux legali, ta' min għamlu. In vista li ġiet akkampata dik in-nullità, li ġġib l-ineżistenza ġuridika ta' dak l-att bħala pagament, allura l-Qorti daħlet fil-kwistjoni, u setgħet tidħol fil-kwistjo-

ni. mingħajr il-bżonn ta' azzjoni appozita. Kieku dak l-att kien sempliċement annullabili, kienet il-Qorti ssib ostakolu f'dak l-att ġuridikament sakemm ma jiġix annullat; iżda peress illi dak l-att, alment kif jippretendi l-attur u ġie konstatat mill-Qorti, huwa att ta' miġnun, allura kkunsidratu bħala ineżistenti u ma sabet l-ebda ostakolu għat-talba kif inhi;

Tikkunsidra;

Illi l-appellanti ssottomettew illi l-Ewwel Qorti kellha tikkonstata dik in-nullità ta' dak l-att; iżda fis-sentenza li minnha hemm appell, għalkemm fil-parti dispożitiva ma hemm xejn, iżda fil-parti tal-motivazzjoni, immedjatament qabel id-dispożitiv, hemm dawn il-kliem "anzi qiegħed jiġi ritenut skond ma jirriżulta mill-kumpless tal-provi illi l-att ta' Sacco kien att ta' miġnun, u għalhekk wieħed għalxejn ifittex fih spjegazzjoni, u kwindi għandu jitqies bħal ma kieku qatt ma sar";

Dawn huma konstatazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti, li fis-sostanza tagħhom huma veri dispożittivi; għaliex kif ġie ritenut anki minn din il-Qorti, diversi drabi, jista' jkun hemm konstatazzjoni jew dikjarazzjoni f'sentenza li ma tkunx qiegħda fil-parti dispożitiva, iżda tkun f'parti oħra tas-sentenza, iżda mill-konstatazzjoni tagħha u min-natura tagħha, u mill-mod kif il-Qorti tkun esprimiet ruħha fuqha, jkun jidher illi dik hija vera dikjarazzjoni li għamlet il-Qorti. U dik id-dikjarazzjoni, kif intqal iżjed 'il fuq, setgħet issir minħabba n-natura ta' din in-nullità;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, u minħabba n-natura tal-kwistjoni tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, u tordna illi l-kawża tiġi trattata fil-meritu tagħha. U għalhekk tibqa' differita għad 19 ta' April 1948.